MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 917/2008

**GO plc C-22334**

**vs**

**Doris Zammit ID-522765M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Novembru 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Euro1,467.44c (elf, erbgha mija u sebgha u sittin ewro u erbgha u erbghin centezmi) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizz ta’ komunikazzjoni bin-numru 21576891 u 21577081 (Kont numru 10188316) kif jirrizulta minn dokumenti hawn annessi u markati Dok IZY 1 u IZY 2.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 6 ta' Jannar 2009 fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li (1) l-azzjoni kienet preskritta (2) li l-konvenuta kienet separata minn ma zewgha Simon Zammit u (3) Li hija kienet giet informata li ma kienx hemm pendenza fuq it-telephone qabel ma qalbet l-istess fuq kumpanija ohra u (4) saret reserva ghall-eccezzjonjiet ulterjuri. Bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

L-avukat Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta attrici kkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammont mitlub fil-kawza odjerna deher li kien ghadu lill-istess socjeta peress illi baqghu ma saru ebda pagamenti wara l-prezentata tal-kawza. Ikkonfermat ukoll li l-kont in kwistjoni jinsab intestat fuq isem il-konvenuta wahedha kif dal resto jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti mal-avviz.

Illi minn ezami tal-istess dokumenti jirrizulta wkoll li Dok IZY 1 jindika kontijiet fuq il-konvenuta li bdew minn Ottubru 2002 u jibqghu sejrin sa Novembru 2008. Tul dan il-perjodu jirrizulta wkoll li kienu saru diversi pagamenti akkont.

Dok IZY 2 li huwa l-application form ghas-servizz in kwistjoni jidehr li huwa ffirmat minn isem il-konvenuta bil-karta ta l-identita taghha. L-inkartament esebit a fol 11 tal-process jinsab iffirmat ukoll minn zewgha Simon Zammit apparti mill-konvenuta.

L-unika prova li resqet il-konvenuta kienet tramite zewgha Simon Zammit, illum legalment separata minnu, fejn dan ta kkonferma li l-kont in kwistjoni kellu suppost jithallas minnu. Difatti stqarr illi filwaqt li martu kienet ikkontestat l-ittra ufficcjali mahruga ai termini tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta, da parti tieghu huwa ma kienx ikkontestha.

It-Tribunal jirrileva in vista ta din ix-xhieda ta' r-ragel tal-konvenuta, li x'aktarx kienet ghal din ir-raguni il-ghala l-

avviz odjern gie ntavolat biss kontra martu minnhabba il-fatt li s-socjeta attrici gia kellha titolu esekuttiv kontra tieghu. Illi minn din ix-xhieda pero ma tirrizulta ebda raguni il-ghala fir-relazzjoni ta’ bejn martu u s-socjeta attrici, din ta l-ahhar ma ghandhiex tigi ritenuta wkoll responsabbli ghall-istess kontijiet u inoltre wisq anqas ix-xhieda tieghu sservi bhala prova in sostenn tal-eccezzjonijiet dedotti minn martu.

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, kwindi jilqa t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta’ Euro1,467.44c (elf, erbgha mija u sebgha u sittin ewro u erbgha u erbghin centezmi) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-presentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------